MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2004

Talba Numru. 652/2004

**Untours Insurance Agents Ltd. ghal Qatar Insurance surrogata fid-drittijiet ta' Ludovico Micallef**

**vs**

**Gregory Joseph**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta' Marzu, 2004 fejn intalbet dikjarazzjoni li l-konvenut kien responsabbli ghall-incident stradali li sehh il-Mosta fil-21 ta' April, 2002, bejn Daihatsu nru. HAO-915 misjuqa mill-attur u Vauxhall Astra nru. JOE-122 misjuqa mill-konvenut, w intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' elf u disgha u erbghin lira Maltija u hmistax-il centezmu (Lm1049.15) in linea ta' Danni lis-socjeta` attrici, Dok.P.**

**Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali prezentata mal-avviz ai termini tal-Kap.104 u bl-imghax minn notifika tal-avviz kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fis-27 ta' April, 2004 ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta.**

**Ghaldaqstant fil-kontumacja tal-konvenut, u peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata, t-Tribunal qed jilqa' t-talba tas-socjeta` attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf u disgha u erbghin lira Maltija u hmistax-il centezmu (Lm1049.15), bl-imghax legali mit-8 ta' April, 2004.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali prezentata mal-avviz ai termini tal-Kap.104, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------